Diskors tal-Prim Imħallef Vincent A. De Gaetano
fl-okkażjoni tal-aħħar seduta tiegħu
fil-Qorti tal Appell u fil–Qorti Kostituzzjonali

6 ta' Settembru 2010

Sur President,

Kollegi u Ħbieb:

Meta tmien snin ilu, fit-28 ta' Awwissu 2002, assumejt il-kariga ta' Prim Imħallef, qatt ma kont nobsor li l-ġurnata meta kien ser ikolli nħalliha kienet ser tkun hekk kmieni. Kont rassenjat li ser nibqa' f'din il-kariga sa ma nagħlaq, jekk il-Bambin jagħtini l-għomor, il-65 sena. Kienet kariga li, kif xi wħud minnkom jafu għax iddiskutejt magħkom privatament, meta l-ewwel li ġiet offruta lili mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dott Fenech Adami, ippruvajt nara kif naħrab minnha. Pero` għalxejn għidtlu li kont ili maqtugħ mid-dritt ċivili u kummerċjali, li kien hemm imħallfin aktar anzjani u aktar kompetenti minni, għax ma riedx jaf. Anzi, ta' statista makakk, fakkarni, b'mod fin ħafna, li jekk jien ma naċċettax hu seta' anke jipprova jara jekk isibx persuna għal dik il-kariga minn barra l-bank attwali tal-imħallfin. Ngħid għalija ma emmintx li kien ser jagħmel hekk, u anke li kieku pprova ma kienx ser ikun faċli fid-dawl taċ-ċirkostanzi eżistenti proprju dak iż-żmien; mill-banda l-oħra ma ridtx nirriskja u noħloq aktar problemi għall-Ġudikatura – insomma, irnexxielu

jiġbidli bil-pulit it-tapit minn taħt saqajja! Għidtlu jagħtini għall-anqas ftit żmien biex naħsibha u anke niddiskutiha ma' marti, li dak iż-żmien kienet tinsab rikoverata l-isptar. "Mela le," qalli. "Tini risposta sat-tlieta ta' wara nofs in-nhar," għax ried iħabbar in-nomina kemm jista' jkun malajr biex itemm ġimgħat ta' stennija. Tani anke n-numru tal-*mobile* tiegħu biex inċempillu. Kienu diġa` saru nofs in-nhar, u għalhekk kelli anqas minn tliet siegħat biex nieħu d-deċiżjoni.

Meta mort l-isptar, marti – li, għandi ngħid dejjem kienet ta' għajnuna u appoġġ kbir għalija tul il-karriera tiegħi – dak in-nhar donnha kienet imbellha aktar minni, għax meta staqsejtha hi x'taħseb, kullma qaltli kien: "Ħeq, agħmel int."

Insomma, iddeċidejt li ngħid iva. Bejn is-*signor si* ta' meta żżewwiġt u dak ta' meta aċċettajt il-kariga ta' Prim Imħallef, ma nafx liema kienet l-aktar waħda diffiċli! Ċempilt lura lill-Prim Ministru li, jekk fhimtu sew għax il-linja kienet ħażina ħafna, kien dak il-ħin f'nofs il-bajja ta' San Pawl il-Baħar fuq xi *dinghy* jistad mat-tfal jew man-neputijiet. Ftit tal-minuti wara, id-Dipartiment tal-Informazzjoni ħareġ l-aħbar.

Pero` meta nħares lura, ma jiddispjaċinix tad-deċiżjoni li ħadt. Ix-xogħol ma kienx faċli, anke minħabba s-sitwazzjoni partikolari li fiha assumejt il-kariga, pero` dejjem kelli l-appoġġ mhux biss tal-

familja iżda, u forsi aktar importanti f'dan il-kuntest, ta' sħabi l-Imħallfin u l-Maġistrati u ta' ħafna u ħafna minnkom sinjuri avukati. Sibt ukoll għajnuna imprezzabbli mill-i*staff* tal-qorti. Li kieku ma kienx għas-solidarjeta` u għall-impenn u għajnuna li intom ilkoll urejtu u tajtu, żgur li ma konnix naslu hawn illum, b'mod li nistgħu inħarsu lura – jiena u intom – u ngħidu: iva, imxejna 'l quddiem, għamilna progress f'dik li hi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għad baqa' ħafna xi jsir – pero` fuq dan, cioe` fuq x'baqa' xi jsir, ma jien bi ħsiebni ngħid xejn illum billi Dott. Silvio Camilleri għandu jassumi l-kariga nhar il-Ħamis u ma rridx li ngħid xi ħaġa u jerġa' jibdielu!

Minn hawn u ftit ġranet oħra nibda kapitolu ġdid fil-Qorti ta' Strasbourg. Għal xi ħadd li, tajjeb li tkunu tafu, anqas kien imħajjar li jsir avukat, meta nħares lura ngħid kemm hu kbir il-Mulej li, minkejja n-nuqqasijiet kollha tagħna, kapaċi jmexxina u jinqeda bina għall-pjan Tiegħu. Għadni niftakar qisu l-bieraħ meta mort ngħid lil missieri li kont ser nirreġistra biex nagħmel il-kors tal-Baċċellerat fl-Arti fil-lingwi u l-istorja biex insir għalliem, u mhux, kif kienu ser jagħmlu ħafna minn sħabi tal-*Junior College*, li nirreġistra għall-kors tal-liġi. F'mument jew ta' illuminazzjoni jew ta' makakkerija bħal tal-Prim Ministru, qalli li jekk insir avukat inkun nista' ngħallem iżda jekk insir *teacher* ma nkunx nista' nipprattika l-liġi – speċi forma ta' *il piu` comprende il meno*. L-għada rreġistrajt għall-kors tal-liġi u ma erġajtx ħarist lura. Wara li ggradwajt u għamilt ftit xhur naħdem mill-uffiċċju tal-Avukat Giuseppe Mifsud Bonnici, ġietni l-

opportunita` li mmur nistudja fuq *scholarship* fl-Universita` ta' Cambridge. Fi tmiem dak l-i*scholarship* kelli l-opportunita` li mmur ngħallem jew fl-Universita` ta' Christchurch fi New Zealand jew fl-Universita` tal-West Indies. Minħabba l-kundizzjoni medika ta' missieri dak iż-żmien għazilt, pero`, li nidħol naħdem fl-Uffiċċju tal-Avukat Generali, proprju biex inkun Malta viċin ta' missieri, bl-anqas ħsieb li xi darba għad inkun Imħallef, wisq anqas Prim Imħallef.

Illum wasal iż-żmien, pero` li ngħid mhux *addio* imma *arrivederci*. Nibda biex nirringrazzja lil sħabi l-Imħallfin u l-Maġistrati kollha, kemm dawk li għadhom iservu kif ukoll dawk li servew miegħi iżda li llum huma irtirati. Minkejja d-ddifikultajiet li sibna ma' wiċċna – jew diffikultajiet straordinarji ta' xi żmien partikolari jew diffikultajiet normali tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja – dejjem sibt l-għajnuna tagħhom, l-appoġġ tagħhom u l-parir siewi tagħhom. Grazzi speċjali jmur għal dawk li miegħi poġġew b'mod regolari fil-qrati kolleġġjali u allura forsi kellhom jissaportuni ftit aktar mill-qrib minn ġudikanti oħra: l-Imħallef Joseph David Camilleri, l-Imħallef Filletti u l-Imħallef Valenzia fl-ewwel sezzjoni tal-Qorti tal-Appell u fil-Qorti Kostituzzjonali; l-Imħallfin Anton Depasquale, Alberto Magri u Tonio Mallia fit-tieni sezzjoni tal-Qorti tal-Appell; u lill-Imħallfin David Scicluna, J. R. Micallef u Joseph Zammit McKeon fil-Qorti tal-Appell Kriminali. Jekk lil sħabi b'xi mod inqasthom, b'xi ħaġa li għamilt jew li ma għamiltx jew li għidt jew li ma għidtx, nitlobhom skuża. Pero` nassigurahom ilkoll li d-deċiżjonijiet tiegħi kienu dejjem u biss

motivati minn dak li jiena għaraft bħala li huwa meħtieġ fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u tal-korp tal-Ġudikatura.

Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha fl-Amministrazzjoni tal-Qrati li matul is-snin kelli l-privileġġ li naħdem magħhom, speċjalment wara li sirt Prim Imħallef. Nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnhom, mid-Diretturi Ġenerali sal-fattigi. Hemm min jaħseb li jiena persuna organizzata ħafna. Nassigurakom – u naħseb li l-mara hawnhekk kieku kellha tiftaħ il-kotba ma tagħlaqhomx sa pitgħada! – li m'inix bniedem organizzat, anzi pjuttost diżorganizzat f'dak li nagħmel. Bniedem fitt u eżiġenti iva, u fejn jidħlu sentenzi rrid nivverifika sal-aħħar virgola jew semi virgola; pero` fejn jidħlu l-affarijiet tiegħi jien bniedem diżorganizzat – ħarsa lejn is-segreta tiegħi qabel ma battaltha l-ġimgħa l-oħra jew lejn l-istudju tiegħi id-dar, hija prova elokwenti ta' dan. Għalhekk kont niddependi ħafna fuq l-i*staff* tal-Qorti biex għall-anqas l-affarijiet ta' hawn ikollhom sembjanza ta' ordni.

Nirringrazzja b'mod partikolari lis-Sur Vanni Galea u lis-Sur Kevin Mahoney li magħhom it-tnejn, bħala Diretturi Ġenerali, kelli relazzjoni mill-aqwa. Bħala Diretturi u Reġistraturi nirringrazzja u nsellem lil Paul Miruzzi, Joe Sacco, Aldo Testone (Miruzzi, Sacco u Testone servew anke miegħi bħala Deputati Reġistraturi) u lil Frankie Mercieca; u lil Jane Refalo u Dott. Mary Debono Borg tal-Qorti ta' Għawdex; lil John Sant u Raymond

Scicluna mis-sezzjoni tal-Finanzi; lill-Assistenti Diretturi, li huma wisq numerużi biex insemmihom kollha u jekk nipprova nispiċċa naqbeż lil xi ħadd – insemmi persuna waħda biss għal raġuni speċjali, u cioe` għax konna bdejna naħdmu tista' tgħid fl-istess żmien fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kważi tletin sena ilu, u wara li daret dipartimenti oħra tal-Gvern, spiċċat xi sentejn ilu l-Qorti fis-sezzjoni addetta mill-*personnel* u kienet ta' għajnuna kbira għalija kull meta kellna xi intervisti għall-karigi ta' Assistenti Ġudizzjarji – qed nirreferi għal Maryanne Ellul.

Nirringrazzja lill-Assistenti Ġudizzjarji kollha tax-xogħol tagħhom, u b'mod partikolari dawk li għal xi żmien ħadmu miegħi: Kenneth Gulia; Tony Ellul, Marse-Ann Farrugia u Gabriella Vella – it-tlieta li huma llum Maġistrati; u Anna Mifsud Bonnici, Ian Spiteri Bailey, Mario Caruana u Francesco Depasquale. Nassigurahom li jien tgħallimt minn għandom ħafna aktar milli huma tgħallmu minn għandi.

Fost l-i*staff* personali li kelli, insemmi u nirringrazzja lil Manolito Briffa – li tant ħa ħsiebi għaż-żmien kollu li kont Imħallef; lil George Sciberras, Raymond Falzon u Anġlu Cutajar; u lill-marixxalli tal-Qorti ta' Għawdex li tant ħadu paċenzja bija meta, bejn wieħed u ieħor kull xahar u nofs, kont nitla' nżomm seduta tal-appelli kriminali hemmhekk.

Bhala Deputati Reġistraturi li ħadmu miegħi fuq bażi regolari kont fortunat li dejjem kelli nies kompetentissimi fix-xogħol tagħhom, li mhux l-ewwel darba kienu jiġbduli l-attenzjoni – kif kont ninsisti li għandhom jagħmlu – għal xi żball li nkun ser nagħmel jew xi spropożitu li nkun ser ngħid, jew li nkun diġa` għamilt jew li nkun diġa` għidt: apparti Joe Sacco, Paul Miruzzi u Aldo Testone li diġa` semmejt, insemmi u nirringrazzja wkoll lil Joe Sammut, Charles Stivala, Chistopher Camilleri, Maureen Xuereb, Silvana Grech u Joyce Agius. Mingħajr l-għajnuna tagħhom żgur li x-xogħol tiegħi kien ikun ferm u ferm aktar diffiċli. U l-aħħar iżda mhux l-anqas, liż-żewġ deputati li jmexxu r-reġistru tal-Qorti tal-Appell u tal-Qorti Kostituzzjonali, u li kemm ili Prim Imħallef dejjem raw kif jippruvaw jeskoġitaw sistemi ġodda biex l-appelli ċivili u kostituzzjonali jinstemgħu u jimxu bl-aktar mod effiċjenti – qed nirreferi għal Rita Falzon u Charmaine Bugeja. Jekk aħna, l-Imħallfin tal-Qorti tal-Appell, irnexxilna nnaqqsu b'mod konsiderevoli l-*backlog* tal-appelli pendenti tul dawn l-aħħar snin, nofs il-mertu żgur li huwa ta' dawn iż-żewġ Deputati Reġistraturi. Dawn it-tnejn huma wkoll responsabbli biex jikkordinaw ix-xogħol bejn l-imħallfin kollha tal-appell ċivili u tal-Qorti Kostituzzjonali – ħames imħallfin b'kollox, u xi mindaqqiet aktar meta jkun hemm imħallfin surrogati – li, nassigurakom, m'hix ħaġa faċli. Jiena konvint li dawna, kif ukoll id-Deputati Reġistraturi tal-kriminal, ser ikomplu jgħinu lis-suċċessur tiegħi u mhux biss juruh l-istess lealta` li wrew lejja iżda jkomplu jieħdu interess fix-xogħol tagħhom u juru dak l-amur proprju f'xogħolhom li dejjem wrew tul dawn is-snin kollha. Nirringrazzja ukoll lit-*team* tagħhom:

Victor Schembri, Catherine Caruana, Doris Fenech u Leah Ann Borg.

Nirringrazzja wkoll lis-segretarja tiegħi Katia Caruana u lill-*Court Assistant* Geraldine Rickard – bejniethom dejjem irnexxilhom jaraw li ma ninsa ebda appuntament, Malta jew barra minn Malta, li nwieġeb korrispondenza f'waqtha, u mitt ħaġa oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Uffiċċju tal-Prim Imħallef. Għall-anqas jien ser nitlaq mill-kariga ta' Prim Imħallef moħħi mistrieħ li kull ħaga li għandu bżonn ikun jaf is-suċċessur tiegħi li għandha x'taqsam mal-Uffiċċju tal-Prim Imħallef, jafuha huma u jistgħu jiggwidawh.

Meta sirt Prim Imħallef sibt li bħala membru tal-i*staff* tiegħi kien hemm pulizija, li jaġixxi bħala *personal security officer*. Nistqarr li għall-bidu ma stajtx nidra li kull fejn immur hawn il-Belt ikolli lil xi ħadd isegwini f'distanza ta' ħames passi, pero` nifhem ukoll l-iskop ta' dan kollu. Lil dawn il-membri tal-Korp tal-Pulizija – Louis Cassar, Mario Galea, Toni Zammit u George Zammit – nirringrazzjahom tal-paċenzja li ħadu bija matul dawn is-snin.

U xi ngħidu għall-persuna li kuljum twassalni l-Qorti u teħodni lura d-dar – insomma, ħlief meta niddeċiedi li nsuq il-karozza jien – id-*driver* li issa ilu miegħi minn meta ddaħlet is-sistema li kull ġudikant ikollu karozza u, bħala parti mill-*judiciary team* tiegħu jkollu wkoll xufier. L-ewwel darba li Manolito Briffa introduċieli lil Charles Portelli, lil dan ta' l-aħħar staqsejtu jekk

kellux licenzja tas-sewqan, għax deherli li kien zgħir wisq fl-eta`! Minn dak in-nhar Charles ilu jissaporti l-*back seat driving* tiegħi. Pero` dejjem qeda xogħlu bl-akbar lejalta`, effiċjenza u dedikazzjoni, u kważi llum sar membru tal-familja.

Nirringrazzja wkoll lilkom, sinjuri avukati u prokuraturi legali, mhux biss talli għogobkom tiġu hawn illum biex tawgurawli u sselmuli – ħaga li jiena naċċetta pero` b'umilta` kbira għax jidhirli li ma għamilt xejn li ma kienx jagħmel kull wieħed jew waħda minn sħabi li kieku kien jew kienet fil-posizzjoni tiegħi ta' Prim Imħallef – izda anke għax, ngħiduha kif inhi, mingħajrkom il-qorti m'hi xejn. Ovvjament kulħadd għandu l-idjosinkraziji tiegħu – mhux biss l-Imħallfin u l-Maġistrati, iżda anke l-avukati u l-prokuraturi legali. Ta' xi wħud jistgħu jkunu aktar pronunzjati minn ta' ħaddiehor, izda huwa dan li, wara kollox, jagħmel ix-xogħol fl-awla tollerabbli u jnaqqas ħafna mill-monotonija. Jekk kien hemm – u zgur li kien hemm – xi okkazjonijiet fejn kont xi ftit irruenti żżejjed, nitlob skuża. Nirringrazzja b'mod partikolari lill-Presidenti tal-Kamra tal-Avukati u tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali (Dott. Robert Mangion, Dott. Joseph Azzopardi – illum l-Imħallef Azzopardi – u lilek Dott. Borg Cardona, kif ukoll lis-Sur Edgar Montanaro u s-Sur Peter Sammut): kemm ilni Prim Imħallef, dejjem sibt ghajnuna kbira minghandhom biex nippruvaw insolvu problemi zgħar, l-aktar ta' natura amministrattiva – dawk li jistgħu jissejħu "irritanti" – bil-kwiet u mingħajr ħafna trombi u trumbetti iżda malajr kemm jista' jkun, u dejjem fil-parametri tal-ligi.

Nirringrazzja lill-familja tiegħi – lil marti u lil uliedi – li dejjem tawni għajnuna u appoġġ kull meta t-triq kienet tidher iebsa wisq, kemm meta kont Imħallef kif ukoll wara li sirt Prim Imħallef. Issa li t-tfal kibru, marti u jien ser nibdew kapitolu iehor fil-ħajja tagħna, din id-darba, pero`, barra minn Malta. Ngħid għalija, ser nitlaq bi ftit nostalġija – wara kollox ilni naħdem hawn il-Qorti minn mindu ġejt lura minn Cambridge fl-1979 – 31 sena, sittax-il sena minnhom bħala ġudikant. Konvint, pero`, li ser inħalli l-Qrati fl-idejn kompetenti ta' sħabi l-Imħallfin u l-Maġistrati u tal-Prim Imħallef il-ġdid.

Fl-aħħar – iżda żgur mhux l-anqas – nirringrazzja lil Alla li tul dawn is-snin kollha dejjem żamm idejh fuqi u mexxieni, u għeni biex, minkejja d-djufija u n-nuqqasijiet kollha tiegħi, namministra l-ġustizzja mill-aħjar li stajt; dak Alla, kif konna ngħidu fit-tweġiba għall-ewwel vers fil-quddiesa l-antika bil-Latin, *qui laetificat iuventutem meam.* Nitlob li bħalma kien iferraħ żgħożiti, u għadu l-ferħ tiegħi illum, jibqa' jgħini fix-xogħol tiegħi l-ġdid biex kullma ngħid, nagħmel u naħseb ikun dejjem skond ir-rieda Tiegħu u għall-ġid tal-proxxmu.

Grazzi u *arrivederci.*